# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001.**

**Numru 63**

**Citazzjoni Nru: 524/95GV**

**Doc. 56-01**

**Lawrence Gatt bhala Direttur u in rapprezentanza tas-socjeta' Vivian Coommercial Corporation Ltd".**

**vs**

**Anton Borg u Joseph Borg bhala Diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta' J. B. Plastics Limited.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-18 ta' April, 1995, li permezz taghha l-attur nomine premetta li:-

L-konvenuti huma debituri tal-attur fis-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) bilanc ta' somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-istess konvenuti.

Li l-konvenuti ghalkemm interpellati diversi drabi biex ihallsu xorta baqghu inadempjenti.

u talab lil din il-Qorti sabiex:-

tikkundannhom ihallsu lill-attur is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) bilanc ta' somma akbar prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u konsenjata.

Bl-ispejjez u interessi legali kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

**NOTA TAL-ECCEZZJONIJIET**

Fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti nomine eccepew li:-

1. Illi l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ma huwiex dovut ghaliex in konnessjoni ma' ordni ghal merkanzija li kienet ghamlet is-socjeta' konvenuta minghand is-socjeta' attrici, is-socjeta' attrici baqghet inadempjenti b'rizultat illi s-socjeta' konvenuta sofriet danni f'ammont ekwivalenti ghal dak pretiz mis-socjeta' attrici, kif jidher mill-kontro-talba li s-socjeta' konvenuta qeghda tippresenta kontestwalment ma' dawn l-eccezzjonijiet.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Fid-dikjarazzjoni tal-fatti, il-konvenuti nomine esponew is-segwenti:-

1. Illi s-socjeta' konvenuta kienet, tul perjodu ta' zmien, ordnat minghand is-socjeta' attrici diversi partiti ta' merkanzija.

2. Illi wahda minn dawn il-partiti ta' merkanzija, cioe' dik li saret permezz ta' '*purchase order*' datata t-23 ta' Gunju, 1994, qatt ma giet ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta avolja l-konsenja kellha ssir mhux aktar tard min-nofs ta' Lulju, 1994.

3. Illi minhabba illi din il-merkanzija ma gietx ikkonsenjata, is-socjeta' konvenuta sofriet danni ammontanti ghal erbat elef liri Maltin (Lm4,000)

kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi ghalkemm mitluba biex thallas dan l-ammont, is-socjeta' attrici irrifjutat.

5. Illi l-ammont li qed jigi reklamat mis-socjeta' attrici huwa ekwivalenti ghall-ammont reklamat mis-socjeta' konvenuta kontra s-socjeta' attrici.

**KONTRO-TALBA TAL-KONVENUTI NOMINE.**

Il-konvenuti nomine premettew li:-

Peress illi s-socjeta' konvenuta kienet, tul perjodu ta' zmien, ordnat minghand is-socjeta' attrici diversi partiti ta' merkanzija.

Peress illi wahda minn dawn il-partiti ta' merkanzija, cioe' dik li saret permezz ta' '*purchase order*' datata it-23 ta' Gunju, 1994, qatt ma giet ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta avolja l-konsenja kellha ssir mhux aktar tard min-nofs ta' Lulju, 1994.

Peress illi dan il-fatt jikkostitwixxi ksur tal-obbligazzjonijiet kontrattwali assunti mis-socjeta' attrici.

Peress illi minhabba li din il-merkanzija ma gietx ikkonsenjata, is-socjeta' konvenuta sofriet danni ammontanti ghal erbat elef liri Maltin (Lm4,000) konsistenti (1) f'ammont ta' elfejn u erba' mitt liri Maltin (Lm2,400) bhala differenza fil-prezz ta' l-istess tip ta' merkanzija li s-socjeta' konvenuta kellha tixtri minghand terzi, kif ukoll (2) f'ammont ta' elf u sitt mitt liri Maltin (Lm1,600) bhala telf ta' profitt minhabba li ghal perjodu shih is-socjeta' konvenuta ma setghetx tissuplixxi lill-klijenti taghha bi prodotti manufatturati mill-merkanzija li suppost kienet giet suplita mis-socjeta' attrici.

u talbu lill-Qorti sabiex:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' attrici kienet inadempjenti fl-obbligazzjonijiet taggha u ghaldaqstant responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta.

2. tillikwida l-imsemmija danni fl-ammont ta' erbat elef liri Maltin (Lm4,000) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn din l-Qorti jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi.

3. konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lis-socjeta' konvenuta s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kontra l-attur nomine li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**NOTA TAL-ECCEZZJONIJIET TAL-ATTUR NOMINE GHAL KONTRO-TALBA TAL-KONVENUTI NOMINE**

Fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba tal-konvenuti nomine, l-attur nomine eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ordni li semma' l-konvenut qatt ma giet ikkonfermata kemm mis-socjeta' attrici kif ukol minghand is-socjeta' estera li timmanifattura l-materjal in kwistjoni u ghalhekk it-talbiet tal-konvenut ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**VERBAL**

Fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 1996, (fol 23) il-konvenuti nomine qablu li l-ammont pretiz mill-attur nomine kien dak indikat fic-citazzjoni, izda precizaw li m'humiex dovuti billi huma kienu qed jippretendu danni li soffrew bhala konsegwenza ta' allegat ksur ta' obbligi kontrattwali da parti tal-attur nomine u ghal din ir-raguni kien hemm lok ghall-inversjoni tal-provi.

**NOTA TA' SOTTOMISSJONIJIET TAS-SOCJETA' ATTRICI**

Is-socjeta' attrici tissottometti li l-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi s-socjeta' attrici m'hijiex responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta stante illi l-ordni li s-socjeta' konvenuta qed issostni li ma gietx konsenjata effettivament qatt ma giet konfermata mis-socjeta' attrici.

Mill-affidavit u mix-xhieda viva voce tas-Sales Manager tas-socjeta' attrici, **David Cremona**, jirrizulta li r-raguni ghaliex solitament l-ordnijiet maghmula mis-socjeta' konvenuta ma kienux soggetti ghall-konferma min-naha tas-socjeta' attrici kienet ghaliex normalment is-socjeta' attrici kienet izzomm il-materja prima li s-socjeta' konvenuta kienet tixtri '*in stock*' u ghalhekk ma kienx ikun hemm bzonn li l-ordni tigi konfermata. Din il-procedura solitament uzata bejn il-partijiet ma setghtex issehh fil-kaz in kwistjoni ghaliex din id-darba il-materjal rikjest mis-socjeta' konvenuta ma kienx '*available in stock*'. L-imsemmi David Cremona jghid fl-affidavit tieghu li fil-mument li huwa kwota l-prezz li bih is-socjeta' attrici setghet tissupplixxi l-materjal in kwistjoni, huwa ghamilha cara lir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta li l-merkanzija ma kienitx '*in stock*' u li ghalhekk kellha ssir ordni ad hoc mad-ditta estera Dow Chemical. F'dan it-tip ta' negozju, u cioe' meta l-materjal rikjest ma jkunx '*in stock*', l-ordni maghmula mill-klijenti tas-socjeta' attrici hija dejjem soggetta ghall-konferma mad-ditta ta' barra li tipproduci il-materjal ordnat u b'hekk in-negozju ma jkunx komplet sakemm is-socjeta' attrici ma tikkonfermax l-istess ordni tal-klijent taghha hawn Malta.

Fil-kaz odjern, in-negozju ma giex kompletat u l-ordni ma gietx konfermata

ghaliex hekk kif il-kumpanija ta' barra infurmat lis-socjeta' attrici li ma setghetx tibghat il-materjal rikjest minhabba problemi fil-produzzjoni, is-socjeta' attrici immedjatament infurmat lis-socjeta' konvenuta dwar dan permezz ta' '*fax message*' datat 16 ta' Settembru, 1994 (Dok. DC a fol. 135 tal-process).

Is-socjeta' attrici ssostni li l-'*purchase order*' numru 2689 mahrug mis-socjeta' konvenuta u datat 23 ta' Gunju, 1994 (Dok. AB2 - a fol. 32 tal-process) saret abusivament u unilateralment peress li l-allegata ordni li ghaliha taghmel riferenza l-'*purchase order*' qatt ma giet ikkonfermata mis-socjeta' attrici u b'hekk ma kien hemm l-ebda ftehim validu li fuqu seta' jinhareg l-imsemmi '*purchase order*'.

Illi s-socjeta' attrici tghid ukoll li jidher car minn negozju iehor maghmul mis-socjeta' konvenuta ma' kumpanija ohra, li f'dan in-negozju '*purchase orders*' tas-socjeta' konvenuta huma dejjem soggetti ghall-konferma mill-parti l-ohra u f'dan ir-rigward issir riferenza specifika ghall-'*Confirmations of Order*' mahruga mis-socjeta' konvenuta (Dok. AB9 u Dok. AB10 a fol. 97 u 98 tal-process). Is-socjeta' attrici ghalhekk issostni li l-allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta li kkontestat il-prassi tal-konferma ta' '*purchase order*' hija inkoncepibbli ghaliex is-socjeta' konvenuta kienet ben konxja li f'dan it-tip ta' negozju certu ordnijiet dejjem jirrikjedu konferma mill-kontroparti. Il-fuq imsemmija '*purchase order*' (Dok. AB2) ma ghandha ebda valur konklussiv li saret l-ordni allegata u pretiza mis-socjeta' konvenuta ghaliex din ma gietx konfermata mis-socjeta' attrici u ghalhekk l-istess socjeta' attrici ma kellha ebda obbligu kontrattwali lejn is-socjeta' konvenuta u ma tistax tigi rritenuta responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-istess socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' attrici tissottometti wkoll li huwa pacifikatament stabbilit fil-ligi taghna li ebda socjeta' ma tista' tigi tenuta responsabbli ghad-danni sofferti minn terzi li kienu precedentement dahlu f'kuntratt indipendenti maghmul mas-socjeta' intermedjarja, li f'dan il-kaz hi s-socjeta' konvenuta. Fil-fatt l-ordni maghmula mis-socjeta' konvenuta lil C&B International, u cioe' il-kumpanija li eventwalment issupliet lis-socjeta' konvenuta b'materjal

ekwivalenti ghall-materjal in kwistjoni, saret fit-12 ta' Settembru, 1994 (Dok. AB6 - a fol. 52) jigifieri erbat ijiem qabel ma ntbaghtet l-ittra tas-socjeta' attrici tas-16 ta' Settembru, 1994, Doc DC fejn is-socjeta' konvenuta giet infurmata li l-ordni ma setghetx tigi konfermata. Dan ifisser li l-ordni tal-materjal bi prezz ferm oghla ma saritx minhabba xi nuqqasijiet imputabbli lis-socjeta' attrici, izda kienet semplicement ordni alternattiva.

Dejjem skond is-socjeta' attrici, l-allegazzjonijiet maghmula mis-socjeta' konvenuta fil-konfronti tas-socjeta' attrici dwar in-nuqqas ta' konsenja huma purament alleatorji u biss skuza sabiex is-socjeta' konvenuta ma thallasx is-sorte. Dan jirrizulta anki mill-fatt li nonostante li fil-'*purchase order*' tat-12 ta' Settembru, 1994, lis-socjeta' C&B International, it-'*time of delivery*' kien stipulat ghall-ahhar ta' Ottubru, 1994, jidher mix-xhieda prodotta mill-istess socjeta' konvenuta li l-konsenja effettivament saret fis-17 ta' Jannar, 1995, u minkejja d-dewmien, is-socjeta' konvenuta naqset milli tiehu passi ghad-danni kontra C&B International.

**NOTA TA' SOTTOMISSJONIJIET TAS-SOCJETA' KONVENUTA**

Is-socjeta' konvenuta tissottometti li mix-xhieda ta' Joseph Borg u Anton Borg, rapprezentanti tal-istess socjeta’, fix-xiri ta’ materja prima minghand is-socjeta' attrici, il-procedura dejjem kienet li s-socjeta' konvenuta tohrog '*Purchase Order*' wara li jigi miftiehem il-prezz tal-materjal u li f'kull ftehim bejn il-partijiet qabel it-23 ta' Gunju, 1994, is-socjeta' attrici qatt ma harget '*Confirmation of Order*'. Il-'*purchase order*' numru 2689 tat-23 ta' Gunju, 1994, harget bhala konferma tal-prezz ikkwotat bil-miktub kif ukoll il-kundizjonijiet l-ohra miftehma verbalment bejn rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta u s-socjeta' attrici rigward il-kwantita' u t-tip ta' materjal, il-prezz, kif ukoll it-terminu ta' pagament u d-data ta' meta ghandu jasal il-materjal. Skond is-socjeta' konvenuta din il-'*purchase order*' kienet tinhareg wara qbil bilaterali bejn il-partijiet. Din il-procedura kienet tigi addottata kemm jekk il-materja prima kienet '*in stock*' kif ukoll jekk il-materja prima kellha tingab

minn barra, isostni Anton Borg, ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta ghalhekk issostni li l-'*purchase order*' tat-23 ta' Gunju, 1994, ghandha valur konklussiv f'dan it-tip ta' negozju bejn il-partijiet peress li hija konferma ta' qbil verbali bejn l-istess partijiet. Il-fatt li David Cremona, s-Sales Manager tas-socjeta' attrici, kkonferma kemm il-darba verbalment lil Joseph Borg ghas-socjeta' konvenuta li kien ser ikun hemm xi dewmien, izda qatt ma qallu li Dow Chemicals ma kienitx f'posizzjoni li tissupplixxi l-materjal ordnat, ukoll jikkonferma li kien sar ftehim bejn il-partijiet.

Skond is-socjeta' konvenuta, il-materja prima qatt ma giet supplita minhabba l-fatt li l-prezz ta' Low Density Polythene ghamel varjazzjoni enormi bejn Lulju u Ottubru 1994, u s-socjeta' attrici ma onoratx l-obbligi taghha mas-socjeta' konvenuta ghaliex altrimenti s-socjeta' attrici kienet ser tinkorri telf ghaliex tkun qed tbiegh materjal bi prezz miftiehem li jkun izjed baxx mill-prezz ghax-xiri tal-istess materjal.

Is-socjeta' konvenuta ssostni li l-materja prima giet ordnata fit-12 ta' Settembru, 1994, minghand is-socjeta' C&B International u dan appena s-socjeta' attrici nfurmat lis-socjeta' konvenuta verbalment li l-materja prima ma kienitx ser tkun supplita.

**KONSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZZJONIJIET**

Illi l-kwistjoni principali bejn il-partijiet hija biss jekk il-kontenut tal-'*purchase order*' mahrug mis-socjeta' konvenuta fit-23 ta' Gunju, 1994, kienx ir-rizultat tal-ftehim verbali bejn il-partijiet dwar in-negozju li sar bejniethom. Dan huwa effettivament dak li qed issostni s-socjeta' konvenuta li harget l-imsemmi '*purchase order*' filwaqt li s-socjeta' attrici qed tghid li din l-ordni ma gietx ikkonfermata minnha permezz ta' '*Confirmation of Order*' u ghalhekk hija ma kienitx tenuta tonora l-kundizzjonijiet indikati fil-'*purchase order*' u konsegwentement ma kienitx responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mis-socjeta' konvenuta minhabba n-nuqqas tal-konsenja tal-materja prima.

Is-socjeta' attrici spjegat li f'dak it-tip ta' negozju li kien jirrikjedi li l-materja prima tigi ordnata minn barra ghaliex ma tkunx '*in stock*' dejjem kienet issir '*Confirmation of Order*' ghaliex kien ikun hemm bzonn tal-konferma minghand is-socjeta' barranija. Is-socjeta' konvenuta issostni li precedentement is-socjeta' attrici qatt ma baghtet '*Confirmation of Order*' izda s-socjeta' attrici tirribatti li dan kien isir ghaliex il-materjal ordnat kien ikun '*in stock*' u ghalhekk seta' jigi supplit u konsenjat immedjatament. Is-socjeta' attrici tghid ukoll li s-socjeta' konvenuta kienet a konoxxenza ta' dan kollu u kienet taf ben tajjeb li l-materja prima ordnata ma kienitx '*available in stock*' u ghalhekk kellha tigi ordnata minn barra.

Irid jigi rilevat li l-'*purchase order*' in kwistjoni mahrug mis-socjeta' konvenuta (a fol. 32 tal-process) huwa ffirmat biss minn rapprezentant tas-socjeta' konvenuta. It-terminu u l-kundizzjonijiet hemm kontenuti gew imposti u stabbiliti mis-socjeta' konvenuta. La dabra ma kienx hemm accettazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet da parti tas-socjeta' attrici, ma jistax jinghad li l-istess socjeta' attrici hija obbligata tonora dawn it-termini u l-kundizzjonijiet imposti unilateralment mis-socjeta' konvenuta.

Illi inoltre jrid jinghad li f'dan in-negozju partikolari is-socjeta' attrici kienet qed tagixxi bhala '*commission agent*' ghas-socjeta' estera Dow Chemicals u ghalhekk jidher car li kien hemm bzonn il-konferma tal-ordni in kwistjoni da parti tas-socjeta' estera qabel ma s-socjeta' attrici setghet tikkonferma l-ordni maghmula mis-socjeta' konvenuta.

Jidher car minn-negozju iehor maghmul mis-socjeta' konvenuta ma' kumpanija ohra, li f'dan in-negozju '*purchase orders*' tas-socjeta' konvenuta huma dejjem soggetti ghall-konferma mill-parti l-ohra u f'dan ir-rigward issir riferenza specifika ghall-'*Confirmations of Order*' mahruga mis-socjeta' konvenuta (Dok. AB9 u Dok. AB10 a fol. 97 u 98 tal-process. Is-socjeta' konvenuta kienet ben konxja li f'dan it-tip ta' negozju certu ordnijiet dejjem jirrikjedu konferma mill-kontroparti.

Illi la darba li s-socjeta' attrici qatt ma kkonfermat l-ordni maghmula mis-socjeta' konvenuta fit-23 ta' Gunju, 1994, ma jistax jinghad li hija kienet marbuta bil-kundizzjonijiet hemm imposti mis-socjeta' konvenuta u konsegwentement ma tistax titqies responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mis-socjeta' konvenuta minhabba n-nuqqas ta' konsenja tal-materja prima ordnata.

Ghal dawn il-motivi, t-talba rikonvenzjonali tas-socjeta' konvenuta ma tistax tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad il-kontro-talba tal-konvenuti u tilqa’ t-talba attrici bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**FRANKIE MERCIECA**
**Deputat Registratur**